27 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

George Zammit *versus* Teresa Bonnici ne.

**Preskrizzjoni — Art. 2254 (a) tal-Kodiċi Ċivili u Art. 636(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Il-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-art. 2254 (a) tal-Kodiċi Ċivili tolqot l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra tal-injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu. Imma ma tikkontemplax il-każ ta' fornituri ta' materjal in ġenerali, iżda tal-fornituri li jsiru minn kostrutturi ta' bastimenti u ta' kuntratturi, ossija appaltaturi ta' xogħolijiet, li flimkien mal-opra tagħhom ikunu in konnessjoni mal-istess opra fornew ukoll il-materjali meħtieġa.*

*Għaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ ta' sempliċi fornitura ta' materjali minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur tal-opra li għaliha l-materjali jkunu servew.*

*Konsegwentement, meta l-kreditur tal-prezz tal-materjali kien sempliċement fornitur ta' dawk il-materjali, u ma kienx il-bennej jew appaltatur tal-bini fejn ġew użati l-materjali, hu jkun għamilha ta' bejjiegħ ta' dawk il-materjali, u xejn iżjed; u għall-azzjoni tiegħu għall-prezz ta' dawk il-materjali hija applikabbli preskrizzjoni diversa minn dik preskritta fl-art. 2254 (a) fuq imsemmi.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, il-konvenuta fil-kwalità tagħha premessa tiġi kundannata tħallsu s-somma ta' £101.16.8, prezz ta' żrar u ramel, siment, u żewġ batteriji, u żewġ sifuni, forniti minnu lill-imsemmi John Sant, kif dettaljatament speċifikat fl-allegat "statement" (dok. A); liema prezz għadu dovut lilu. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Frar 1957, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u konsegwentement ċaħdet it-talba tal-attur; bl-ispejjeż; billi kkunsidrat, rigward il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta;

Illi għall-azzjoni tal-attur il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni bijennali kontemplata fid-dispożizzjoni tal-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili, billi tissottometti li l-materjal fornit mill-attur kien intiż għall-użu ta' kostruzzjoni ta' bini li kien qiegħed jagħmel John Sant, il-mandant tagħha. L-attur jissottometti li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ, se maj, hi dik kwinkwennali. Din il-Qorti, però, hi ta' fehma li għall-każ taħt konsiderazzjoni hi applikabbli l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta. Infatti, fit-termini tad-dispożizzjoni tal-liġi ċitata, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor, jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu. Issa, apparti li, kif jidher mid-diċitura fil-kontijiet eżibiti, l-attur hu kuntrattur, "a stone-crushing contractor", hu ċar li l-kreditu reklamat minnu kontra John Sant jidderiva minn "locatio operis", jiġifieri minn intrapriża bejnu u John Sant, li biha huwa kellu jforni l-materjal imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li kellu jservi, kif serva, għall-kostruzzjoni tal-fondi tal-imsemmi John Sant;

Illi l-attur jissottometti li dik il-preskrizzjoni ġiet interrotta...... Għalhekk, il-preskrizzjoni opposta mill-konvenuta ma tinsabx interrotta;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-attur......;

Rat il-petizzjoni tal-attur, li biha dan talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti applikat għall-każ il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili. Dik id-dispożizzjoni tal-liġi tikkontempla l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom, jew għall-materjal li jfornu. Din id-dispożizzjoni ma tikkontemplax il-każ ta' fornituri ta' materjali in ġenere, iżda talfornituri li jsiru minn kostrutturi ta' bastimenti u ta' kuntratturi, ossija appaltaturi ta' xogħolijiet, li flimkien mal-opra tagħhom ikunu in konnessjoni mal-istess opra fornew ukoll il-materjali meħtieġa. Dan jidher ċar minn eżami attent tad-dispożizzjoni stess. Għaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ ta' sempliċi fornitura ta' materjal minn min ma jkunx, ukoll l-appaltatur tal-opra li għaliha l-materjali jkunu servew. Dan ġie anki rilevat fis-sentenza ta' dil-Qorti f'sede ta' Appell Inferjuri tat-18 ta' Mejju 1929 in re "Tommaso Pace vs. Salvatore Muscat" (Kollez. XXVII-I-1013);

U tabilħaqq, dik l-interpretazzjoni tidher ukoll aktar evidenti meta wieħed iqabbel dik id-dispożizzjoni tal-liġi tal-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili mal-art. 636(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fejn preċiżament tinsab kontemplata preskrizzjoni oħra għall-azzjoni tal-ħlas ta' fornituri ta' injam

u ħwejjeġ oħra meħtieġa għall-bini, armar u forniment ta' bastimenti, indipendentement mill-kostruzzjoni jew tiswija tal-bastiment. Ma kienx ikun hemm lok għal din id-dispożizzjoni speċjali li kieku l-każ kien kompriż taħt l-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm fiż-żewġ każi t-terminu huwa ta' sentejn;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in eżami l-attur kien sempliċi fornitur tal-materjal, u ma kienx il-bennej jew appaltatur tal-bini. Għaldaqstant għall-azzjoni tiegħu mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ in eżami, l-attur kien għamilha ta' bejjiegħ bl-ingrossa, u xejn iżjed; u għalieħ il-preskrizzjoni applikabbli hija diversa minn dik applikata mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn, u terġa tibgħat il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex tieħu konjizzjoni tal-meritu fuq is-sorti; u tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi s'issa tbatihom il-konvenuta appellata nomine.